Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 12 ta' Dicembru 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Vella)**

**Versus**

**Johan Sciberras**
**(0620882M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Johan Sciberras,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0620882M.

Akkuzat talli bejn il-5 ta' Dicembru 2024 u s-6 ta' Dicembru 2024 gewwa Pjazza Madonna ta' Fatima, Pieta' u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Naqas milli jħares xi waħda mill-kondizzjoniiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. Astrid May Grima fid-digriet tagħha li bih tagħtu l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija nhar it-3 ta' Dicembru 2024 u dan bi ksur tal-provvediment tal-Kodiċi Kriminali u cioe' Artiklu 579 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kif ukoll fl-istess żmien, lok, data u ċirkostanza naqas milli jidher għall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew naqas li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħtu l-ħelsien mill-arrest, jew inħeba jew telaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest ikkommetta delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta u dan bi

ksur tal-provvedimenti tal-kundizzjonijiet Kriminali u cioe' Artiklu 579 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta minn Maġistrat Dr Monica Vella LL.D. nhar is-16 ta' Dicembru 2022, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

4. Talli fl-istess fl-istess dati, ħinijiet, inħawi u ċirkostanzi kkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation, mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. Astrid May Grima B.A LL.D, nhar id-19 ta' Ġunju tas-sena 2023, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

5. U iktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu.

Fil-każ ta` ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi; il-pulizija qieghda titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' ***Johan Sciberras*** u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2024, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni

fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 49, 50, 412D, 579 u 579(2) tal-Kapitolu 9, kif ukoll Artikolu 7 u 23 (1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Johan Sciberras hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tikkundannah ghal tlett (3) snin prigunerija effettiva.**

Inoltre l-Qorti qed tordna li **s-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) bhala garanzija personali, li tifforma parti mill-kundizzjonijiet fid-Digriet u Kundizzjonijiet ghall-Helsien mill-Arrest datat 3 ta' Dicembru 2024 (Magistrat Dr Astrid May Grima) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi inoltre **ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tordna r-ri-arrest ta' Johan Sciberras fil-kawza Repubblika ta' Malta vs Johan Sciberras (Magistrat Dr Astrid May Grima).**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**